~~*Doqqu! qniepen sbejħin tar-raħal tiegħi*~~
~~*Il-marċ funebri tagħkom.*~~
~~*Doqqu! u mlew bid-dmugħ 'l għajnejja;*~~
~~*Id-dmugħ li 'l ħaddejja jxarrab,*~~
~~*Lil qalbi jfarraġ.*~~

~~GIUS. BORG PANTALLERESCO.~~

---

## REBEKKA

Lil ħabibi ALBERT ZAMMIT MAEMPEL

*Qed tisimgħu 'l-qniepen jitniehdu?*
*Qed tisimgħu il qalbi titbekka?...*
*Il-lum mietet it-tfajla ta' mħabbti,*
*Is-sabiħa u t-twajba Rebekka.*

*Kienet qisha jum ħaj tar-Rebbiegħa,*
*X'ħin fis-sema titbissem ix-xemx;*
*Dlielha jixbah ir-raġġi mdiehba,*
*B'deh'b li bħalu fid-dinja ma hemmx.*

*Homor kienu ħaddejha torija,*
*Jixbhu ferm lewn il-warda Maltija;*
*Kbar u żoroq il-ħbub ta' għajnejha*
*Bħal kewkbiet ta' l-iljieli sajfija.*

*...'M'issa mietet għalija r-Rebbiegħa,*
*Ix-xemx għabet minn wiċċ is-smewwiet.*
*Dbielet issa il-warda Maltija,*
*Waqgħu kollha mis-sema l-kewkbiet.*

LINO FARRUGIA BONNICI
(Student, Kors tal-Meditina).